# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta' 23 ta' Marzu, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**vs**

**Christopher Cachia**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, **Christopher Cachia** bin Carmel u Maria Norma neè Camenzuli, imwieled Pietà, nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982), detentur tal-karta tal-identità numru 454382(M), u joqghod numru 13, "Girgenti Court", Flat 6, Triq id-Demnuq, Siggiewi:

(1) Talli nhar it-28 ta' Marzu 2018, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofs inhar (13:00), gewwa Triq il-Kilpa, Siggiewi u f'dawn il-Gzejjer, dolozament bil-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' Enrica Pace u / jew persuni ohra f'periklu car, urejt da nil-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi tajtha daqqa ta' njama, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volontà tieghu:

(2) Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkaguna offizi fuq il-persuna ta' Enrica u / jew persuni ohra, liema offizi jitqiesu li huma gravi skont kif iccertifikat minn Dr Winston Bartolo M.D. (med. Reg. no. 3558);

(3) U aktar, talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Salvatore Pace minghajr ma darbu;

(4) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti ntalbet ukoll tohrog ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-Imputat milli javvicin lil Enrica Pace, lil Salvatore Pace u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li t-tali persuni jiffrekwentaw.

Il-Qorti ntalbet ukoll titratta ma' Christopher Cachia bhala recidiv ta' sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikoli 49 u 50 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-Imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif privat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti fl-11 ta' Novembru 2020 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-Ezami tal-Imputat skont l-artikoli 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali u ddikjarazzjoni tal-Imputat li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb[1]

Rat il-procès-verbal (Dok. SF) redatt mill-Magistrat Dr Doreen Clarke u pprezentat lil din l-Qorti mill-Prosekuzzjoni nhar it-23 ta' Marzu 2018[2].

Rat il-fedina tal-Imputat li m'hijiex wahda netta[3].

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

IKKUNSIDRAT:

---

[1] A fol. _
[2] A fol. 97
[3] A fol. 6 sa 7

Illi dan il-kaz jitratta dwar argument familjari.

Illi f'dawn il-proceduri fl-istadju ta' kumpilazzjoni, Salvatore Pace ghazel li ma jixhidx  ghax jista' jinkrimina ruhu stante li ngiebu proceduri separati kontra tieghu.[4]

Illi fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2018, l-avukat tal-parte civile Erica Pace ghazlet li ma tixhidx informa lil din il-Qorti li l-istess Erica Pace ma kinitx se tixhed stante li l-kaz kien wiehed familjari u s-sitwazzjoni tjiebet.

Ghaldaqstant il-Qorti in vista tad-dikjarazzjonijiet maghmula mill-parte civili ta' dan il-kaz din il-Qorti tiddikjara li ma tistax issib lill-Imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu stante in sufficjenza tal-provi.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-akkuzat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni u tillibera lill-istess Imputat.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**

[4] Seduta tas-17 ta' April 2018